MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**

**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 56/2014

**Mohammed Mohammed maghruf bhala Mohamed Edweb Mohammed Ganna (ID 497079M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Mohammed Mohammed (ID497079M) datat 22 ta’ Jannar 2014 fejn espona: -

Illi l-attur twieled nhar il-15 ta' Settembru 1979, fl-Isptar San Luqa Pieta` minn Edweb Mohammed Ganna u Dehiba O. Ramadan mart l-istess Edweb Mohammed Ganna;

Illi l-att tat-twelid tal-attur li ghandu n-numri tal-iskrizzjoni 4970/1979 (Dok.A) jikkontjeni numru ta' zbalji fis-sens illi isem missieru gie erronjament indikat bhala "Dwieh" minflok "Edweb Mohammed" kif ukoll kunjom missieru gie erronjament indikat bhala "Mohammed" mentri dan il-kunjom kellu jigi ndikat bhala "Ganna" u dan kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mar-rikors odjern u cioe`:- Dok B certifikat tat-twelid tal-istess attur mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Janzour Libya, Dok C kopja tal-passaport tal-missier, Dok D kopja tal-‘*family status certificate'* mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Janzour Libya;

Illi apparti dan, l-istess att tat-twelid tal-attur jikkontjeni wkoll zbalji ohra fis-sens illi isem ommu gie erronjament indikat bhala "Dehbia" minflok "Dehiba O" kif ukoll kunjom ommu gie erroneament indikat bhala "Mohammed" xebba "Ramadaw" mentri dan il-kunjom kellu jigi ndikat bhala "Ganna" xebba "Ramadan" u dan kif jirrizulta mid-dokumenti annessi fuq riferiti;

Illi effettivament l-istess attur izzewweg fis-6 ta' Lulju 2010 gewwa Tripli Libya, u c-certifikat taz-zwieg mahrug mir-Registru Pubbliku Malta li ghandu n-numri tal-iskrizzjoni 1672/2012 (Dok. E) l-isem u l-kunjom tal-attur, kif ukoll l-ismijiet u kunjomijiet tal-genituri tieghu huma perfettament korretti;

Illi apparti fejn fuq id-dokumenti Maltin ghandu kunjom u fuq dawk Libjani huwa mahrug b'kunjom iehor, bl-implikazzjonijiet serji kollha li dan l-istat ta' fatt jista’ jgib mieghu;

Illi dan kollu qed johloq konfuzjoni u nkonvenjent kbir lill-attur li ghandu tfal imwielda Malta li kellhom jiehdu kunjom l-attur kif indikat Malta u cioe` Mohammed filwaqt Ii ulied l-attur mwielda l-Libya mill-istess zwieg huma registrati bhala Ganna;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tordna lill-konvenut jikkorregi l-izbalji kolla imsemmi fl-Att tat-Twelid tal-attur bin-numri ta' l-iskrizzjoni, 4970/1979, fis-sens li:-

a) Kunjom l-attur jigi issa indikat bhala "Ganna" minflok "Mohammed";

b) isem missieru jigi issa ndikat bhala "Edweb Mohammed" minflok "Dwieh" kif ukoll kunjom missieru jigi ndikat bhala "Ganna" minflok "Mohammed";

c) isem ommu jigi issa indikat bhala "Dehiba O" minflok "Dehbia" kif ukoll kunjom ommu jigi ndikat bhala "Ganna" xebba "Ramadan" minflok "Mohammed" xebba "Ramadaw".

Bl-ispejjez u bil-konvenut ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta’ April 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 4 ta’ Marzu (fol 24) fejn esponew : -

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tat-Kap 15 tal-Ligijiet ta' Malta;

2 Illi subordinatament ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3 Illi minghajr pregudizzju fir-rigward l-ewwel talba din ma tistax tintlaqa’ ghaliex fuq l-att tat-twlied in kwistjoni ma hemm ebda kunjom relatat mar-rikorrenti li jista’ jigi korrett. Qabel is-sena 2005 ma kien jitnizzel l-ebda kunjom fir-rigward tat-tarbija u kien biss mis-sena 2005 ‘l hawn li beda jitnizzel il-kunjom li kellha tassumi t-tarbija.

4. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi

assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti. L-informazzjoni kif tinsab fuq l-att tat-twelid tar-rikorrenti li jgib in-numru progressiv 4970/1979 (anness bhala Dok. DRP 1) hija skont dak li kien iddikjara missier ir-rikorrent l-istess fuq l-att tat-twelid. Missier ir-rikorrenti kien iffirma l-att ukoll, b'dan li ikkonferma li l-informazzjoni kif indikata kienet korretta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Gunju 2014 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Mireille Sacco ghad-Direttur Registru Pubbliku. L-attur u d-difensur tieghu msejha tliet darbiet ma dehrux. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza wara nofs siegha dehret biss Dr Mireille Sacco ghad-Direttur Registru Pubbliku. L-attur u d-difensur tieghu msejha tliet darbiet regghu ma dehrux. Peress li din il-kawza kienet giet differita ghall-provi tal-attur u li lanqas gew prezentati affidavits jew gew imharrka xhieda, il-kawza giet differita *Sine Die*.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datata 9 ta' Gunju 2014 (fol 30) fejn talab lill-Qorti joghgobha terga' tirriappunta din il-kawza biex tigi mismugha u deciza u dan *a tenur* tad-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Procedura Civili; u l-Qorti, bid-digriet taghha tat-12 ta' Gunju 2014 laqghet it-talba u rrijappuntat il-kawza ghall-10 ta' Lulju 2014. (fol 31).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-21 ta' Ottubru 2014 (fol 37) fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Geoffrey Mifsud Farrugia ghar-rikorrenti prezenti li ddikjara li m' ghandux provi ulterjuri, b' dan illi obbliga ruhu li jipprezenta nota li biha jindika l-atti konsegwenti ghall-atti tat-twelid fejn talab li ssir korrezzjoni bin-numru progressiv tal-istess, kif ukoll jipprezenta kopja tal-istess deher Dr Maurizio Cordina ghad-Direttur Registru Pubbliku li ddikjara li m' ghandux provi aktar x' jipproduci. Ir-rikorrent obbliga ruhu li jipprezenta n-nota tieghu sa mhux aktar tard mill-

15 ta' Novembru 2014. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Dicembru 2014.

Rat in-nota tar-rikorrent ipprezentat fit-23 ta' Ottubru 2014 fejn esebixxa estratt mic-certifikat tat-twelid tieghu numru 4970/79 u certifikat taz-zwieg numru 1672/2012.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta' din il-kawza, r-rikorrent qed jitlob li ssir korrezzjoni fl-Att ta' Twelid tieghu numru 4970/79 (**DOK A)** billi jigu korreguti l-ismijiet tal-genituri tieghu kif ukoll kunjom missieru, u konsegwentement jigi korrett ukoll kunjom l-istess rikorrent.

Illi l-pubblikazzjoni rikjesta mill-artikolu 254 tal-Kap.16 saret debitament (fol.23).

L-intimat Direttur irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti fuq il-provi prodotti.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li hemm konflitt bejn ic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent u dak taz-zwieg tieghu. Ir-rikorrent twieled f'Malta u fuq ic-certifikat anness mar-risposta tal-Intimat insibu li isem u kunjom missieru huma indikati bhala "Dwieh Mohammed" filwaqt li isem u kunjom ommu

huma indikati bhala "Dehbia wife of the said Dwieh Mohammed xebba Ramadaw". B'rizultat ta' dan ir-rikorrent hu maghruf ufficjalment bl-isem Mohammed Mohammed. Hu jghid li missieru kellu jitnizzel bhala Edweb Mohammed Ganna filwaqt li ommu kellha titnizzel bhala Dehiba O. Ramadan.

In sostenn tat-tezi tieghu r-rikorrent esebixxa kopja tac-certifikat tat-twelid tieghu mahrug mir-Registru Pubbliku tal-Libya (DOK B), kopja tal-passaport ta' missieru (DOK C)  u kopja tal-*family status certificate* mahrug mir-Registru Pubbliku Libiku (DOK D).

Kontrarjament ghal dak muri fuq l-att tat-twelid tieghu, l-att taz-zwieg tieghu (DOK E) numru 1672/2012, mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta huwa korrett kemm fl-ismijiet u kunjomijiet tal-genituri tieghu kif ukoll fl-isem u fil-kunjom tal-istess rikorrent.

Ir-rikorrent xehed permezz ta' affidavit fejn qal li hu twieled f'Malta minn genituri ta' nazzjonalita' Libjana. L-ewwel punt li johrog minn dan il-fatt huwa li t-tnizzil tal-kunjom hu regolat bil-Ligi Maltija billi tfal li jitwieldu fiz-zwieg jiehdu kunjom il-missier.

Jibqa' biex jigi stabbilit il-kunjom u anke l-isem tal-missier tar-rikorrent. Il-genituri tieghu huma ta' nazzjonalita' Libjana u ghalhekk il-korrettezza ta' isimhom u kunjomhom mhuwiex regolat bil-Ligi Maltija imma b'dik Libjana. Dan ifisser li din il-Qorti ghandha thares lejn id-dokumenti ufficjali pprezentati mir-rikorrent biex tistabbilixxi l-korrettezza tad-dettalji tal-genituri tieghu.

Illi skont ir-rikorrent kunjom missieru huwa Ganna filwaqt li Mohammed huwa kunjom buznannuh. Dan ta' l-ahhar jitnizzel mal-kunjom tad-dixxendenti izda jidher li l-kunjom 'Mohammed 'tnizzel bhala l-kunjom uniku tar-rikorrent.

L-effett ta' dana kollu hu li r-rikorrent ghandu zewg certifikati konfliggenti mahrugin mir-Registru Pubbliku Malti u bintu ukoll hija registrata bil-kunjom Mohammed minnflok Ganna. Hu afferma li kunjomu dejjem kien u ghadu Ganna.

Illi dan jirrizulta pacifiku mill-atti mahrugin mir-Registru Pubbliku ta' Janzour il-Libya kif radotti . Difatti l-intimat ma kkontestax il-korrettezza tat-traduzzjoni taghhom. **Dok B** anness mar-rikors promotur jindika li l-ismijiet tar-rikorrent huma Mohammed Edweb Mohammed bil-kunjom Ganna. Missieru hu indikat bhala Edweb Mohammed u ommu bhala Dehiba O. Ramadan. Dan hu ikkonfermat fid-**Dok D**, (*Family Status Certificate)* u **DOK F** (passaport) ghalkemm id-**DOK C**, (passaport tal-missier) jnizzel isem missieru bhala Dueb (mhux Edweb) Mohammed Ghanna.

Illi dawn id-dettalji jsibu l-konferma fic-certifikat taz-zwieg mahrug mir-Registru Pubbliku ta’ Malta (**DOK.E**).

Ikkonsidrat li din it-talba mhix wahda ta' tibdil fil-kunjom, liema talba tkun inammissibbli u l-uzanza wahidha ma tippermettihiex.[1] Izda hija talba ghall-korrezzjoni ta' zball fil-kunjom tal-missier li twassal ghall-konferma

[1] Ara ad. ez. “**Karmnu Balzan Mqareb vs Margaret Mortimer noe et”** (AC 29 ta’ Novembru 1971), **“Damian Damian Schembri vs Direttur Cutajar vs Direttur tar-Registru Pubbliku”** (P.A. (JAF) 1 ta’ Frar 2001) u “**Joseph Cutajar vs Dr J Scicluna noe”** (Qorti tal-Appell – 14 ta’ Frar 1947).

tal-kunjom legali tar-rikorrent kif trid il-Ligi Maltija fis-sens li l-wild legittimi jiehdu kunjom missierhom.

Huwa desumibbli minn dawn l-ezemplari "*illi fejn jokkorri u jkun jidher gustifikat il-korrezzjonijiet huma awtorizzati biex tigi mharsa dik ir-regolarita` legali li tfittex li telimina d-difformita` bejn dak li jkun jirrizulta mir-registri ta' l-istat civili u r-realta` effettiva. Naturalment, ukoll, il-ligi tippermetti rettifiki minhabba certi zbalji materjali jew nuqqasijiet fl-atti*" (**"Nardu Balzan Imqareb v Direttur tar-Registru Pubbliku"** (PA(PS) - dec. fit-30 ta' Gunju 2004).

Il-Qorti hija soddisfatta li r-rikorrent irnexxielu jipprova li saru zbalji fir-registrazzjoni tal-att tat-twelid tieghu kif imfissra fir-rikors promotur.

Madanakollu kif gustament jirrileva l-intimat, fiz-zmien tat-twelid tar-rikorrent ic-certifikati ma kienux jinhargu b'kolonna fejn jigi indikat kunjom it-tarbija u ghalhekk it-talba 1(a) kif dedotta ma tistax tintlaqa'. Fin-nuqqas izda d-Direttur intimat ghandu jaghmel dak kollu mehtieg sabiex il-kunjom Ganna minnflok Mohammed jigi rifless fic-certifikat tat-twelid bhala l-kunjom tar-rikorrent.

Il-Qorti fic-cirkostanzi taqbel li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent billi d-dettalji moghtija *ai fini* tar-registrazzjoni nghataw mid-dikjarant.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi **tilqa' t-talbiet tar-rikorrent skont dan li gej:**

**1. Tilqa' l-ewwel Talba** u tordna lill-intimat sabiex jikkorregi l-izbalji kollha imsemmi fl-Att tat-Twelid tal-attur bin-numru ta' l-iskrizzjoni, 4970/1979, fis-sens li:-

a) **Tilqa'** l-ewwel talba fis-sens li l-intimat ghandu jaghmel l-annotazzjonijiet kollha mehtiega sabiex jigi rifless fl-att tat-twelid premess li kunjom ir-rikorrent mhuwiex "Mohammed" imma "Ganna."

b) **Tordna** li isem missier ir-rikorrent jigi korrett u registrat bhala "Edweb Mohammed" minflok "Dwieh" kif ukoll li kunjom missieru jigi korrett u registrat bhala "Ganna" minflok "Mohammed";

c) **Tordna** li isem omm ir-rikorrent jigi korrett u registrat bhala "Dehiba O" minflok "Dehbia" kif ukoll kunjomha jigi korrett u registrat bhala "Ganna" xebba "Ramadan" minflok "Mohammed" xebba "Ramadaw".

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghandu jaghmel l-annotazzjonijiet u korrezzjonijiet kollha mehtiega sabiex jigi rifless li kunjom ir-rikorrent huwa "Ganna" minnflok "Mohammed".

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------